SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 34/2021

15 ta' Novembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul – Kunsillier

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

34.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

34.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 33-2021**

34.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 33-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul.

34.2.2 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li ref punt 33.4.1 fuq il-proposta tal-iskart kienet tul it-Triq San Piju X u mhux Triq il-Lellux. Il-Kunsill qabel.

34.2.3 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi update ref punt 33.4.6 rigward il-*cat houses* u ref punt 33.4.12 l-aħħar para sabiex jiġi diskuss.

34.2.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar staqsa jekk kienux gew *alligned* il-kameras fi Triq il-Begonja. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li ma jidhirlix li kienu ġew.

Il-Viċi Sindku qal li kien qed jara ħafna ċitazzjonijiet maħruġa minħabba l-bring in sites. Hawn il-Kunsill iddiskuta l-issue tal-kameras u ċ-ċitazzjonijiet u qabel li ħafna residenti ma kienux konxji li ma jistgħux iħallu skart madwar il-bring in sites għalhekk qablu li l-Kunsill jibgħat ittra ta' informazzjoni lir-residenti flimkien mal-isbaħ xewqat għal Milied u s-sena t-tajba.

34.3 **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 34-21 għal perjodu bejn il-21 ta' Ottubru, 2021 sa t-12 ta' Novembru, 2021 u minn ċekk numru BOV 8376 sa ċekk numru BOV 8379 u minn Bank Transfer 258/21 sa 284/21.

34.4 **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

34.4.1 **Kwotazzjoni Bankina Triq il-Katerina Vitale**

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni sabiex jitnaddaf iċ-ċint tal-ħajt li hemm fi Triq Katerina Vitale. Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li tajjeb li l-Kunsill jikkonsidra li jirranġa l-ħajt li kien hemm fi Triq Ġuljetta Lopeż. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dan is-sit ma setax isir għaliex kien fil-privat.

34.4.2 **Installazzjoni tal-Charging Pillars**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien issuġerixxa ħames siti fejn jistgħu jeħlu c-*charging pillars* pero' issa l-Kunsill kien irċieva li l-installazzjoni tal-ewwel pillar kienet ser issir fi Triq Mabel Strickland. Il-Viċi Sindku qal li f'din it-triq ser tkun imwarrba. Is-Sindku qrat l-email lill-Kunsillier u saret diskussjoni fejn il-kunsill qabel li fl-opinjoni tal-Kunsilliera Triq Mabel Strickland ma kienx is-sit ideali u li qed nissuġerixxi li jsiru jew fi Triq Ġilju jew inkella Triq Frezja.

34.4.3 **Attiva 12 ta' Diċembru, 2021**

Is-Sindku Charmaine St John qalet li l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex isir il-kunċert kienet ġiet approvata u l-Kunsill kien ser jibbenfika mis-somma ta' €5,000 għal din l-attivita'. Is-Sindku qalet lil Kunsillier Terrence Ellul u l-Kunsilliera Kylie D'Amato li kienu ser jieħdu ħsieb din l-attivita' sabiex jissottomettu l-proposti tagħhom għal din l-attivita'. Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li l-ġurnata kien jinħtieġ li nċaqalquha għat-13 ta' Diċembru għaliex il-*main band* ma kinux disponibbli dak inhar. Il-Kunsill qabel li l-attivita' ssir it-Tnejn 13 ta' Diċembru minflok.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ħareġ avviż lir-residenti minħabba Ġieħ Santa Luċija pero' sfortunatament ma kienet daħlet l-ebda nomina u sssuġerixxiet li nagħtu rikonoxximent lill-persuna nominata s-sena preċidenti. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qalet ukoll li kienet qed tissuġerixxi li l-Kunsill jagħti rikonoxximent lil persuna li waqt il-pandemija ħadem qatiħ sabiex iżomm lil kulħadd allegru li żgur għamel tajjeb għas-saħħa mentali tal-anjani u nies vulnerabbli. Il-Kunsill qabel.

34.4.4 **Talba minn waħda mill-Iskrivani**

Is-Sindku ressqet talba mingħand waħda mill-iskrivani. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ewwel d-Deputat Segretarju Ezekuttiv għandha tagħmel talba formali lill-Kunsilliera qabel din tkun tista' tiġi ndirizzata.

34.4.5 **SPI/SCI/7/2021 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Maġġuri li ġew mwettqa mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku Charmane St John ressqet l-iskema SPI/SCI/7/2021 lill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din l-iskema l-Kunsill japplika sabiex isir il-manutenzjoni meħtieġa ta' Ġnien is-Serenita'

**SPI/SCI/8/2021 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita u Mobbilita'**

Is-Sindku ressqet l-Iskema SPI/SCI/8/2021 lill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din l-iskema l-Kunsill japplika sabiex isiru l-bankini ż-żewġ naħat ta; Triq Oleander li tkompli ma Triq Begonja u b'hekk inkunu qed ngħinu lin-nies li għandhom problemi fil-mobilita' sabiex imorru l-Knisja u l-Jogging Track.

34.4.6 **Permessi maħruġa mill-Kunsill Lokali**

Is-Sindku ressqet Cirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-permessi maħruġa mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha ssir *link* fuq il-*website* tal-Kunsill sabiex min jidħol fuq il-paġna tal-Kunsill ikun faċli għalih isib l-link biex japplika.

34.4.7 **Festin tat-Tfal għal Milied**

Is-Sindku Charmaine St John ressqet kwotazzjoni għal *animation* għal waqt il-festin tat-tfal tal-Milied. Hija ċqalet li l-festiin ser isir nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru mill-11:00am sas-1:00pm. Il-kunsill iddiskuta u approva l-kwotazzjoni.

34.4.8 **Kwotazzjoni għal Aechologist Civic Centre (PA 05317/21**)

Is-Sindku Charmaine St John ressqet kwotazzjoni sabiex ikun hemm arkeoloġist fuq is-sit waqt l-iskavar tac-Civic Centre. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni.

34.4.9 **No entry fi Trejqet il-Ġirasol**

Is-Sindku ressqet ilment li fi Trejqet il-Ġirasol kienu qed jaqilgħu l-bollards sabiex jipparkjaw il-karozzi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nordnaw tabella li tindika li ħadd ma jista' jidħol ħlief għal loading u unloading.

*34.4.9* **Parkeġġ fi Triq Stella Maris**

Is-Sindku ressqet talba minn residenta sabiex issir tabella ma jistax isir parkjar fi Triq Stella Maris. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ħadd ma għandu jipparkja van f'nofs ta' triq bil-konsegwenza li jkun qed jagħlaq it-triq għalhekk qabel li napplikaw sabiex isiru double yellow lines it-triq kollha u navżaw lill-community policing sabiex jissorveljaw din iż-żona.

34.4.10 **Lezzjonijiet għal line dancing**

Is-Sindku qalet li kellha talba sabiex nibdew norganizzaw lezzjonijiet tal-*line dancing*. Hija qalet li kienet iċċekjat rigward il-prezz tal-instructor tal-line dancing li huwa ta' €30 kull sezzjoni. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nippruvaw u naraw x'konkorrenza jkollna għal din l-inizjattiva u qabel ukoll li qabel nikkonfermaw li ser isiru, il-Kunsill ikollu l-konferma li dawn il-lezzjonijiet setgħu jsiru fis-sala parrokkjali.

34.4.11 **Kwotazzjoni għal *wireless microphones***

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni sabiex il-Kunsill jixtri tlett microphones wireless sabiex il-laqgħat tal-Kunsill jinstemgħu aħjar. Il-Kunsill approva unanimament din il-kwotazzjoni.

34.4.12 **LC Care**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ġie mgħarraf li l-LC Care ma setgħetx terġa tiġi mġedda. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li hekk kif terġa toħroġ inizjattiva oħra l-Kunsill kellu japplika sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jibqa' jgħin lil min jitma' l-qtates stray. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna ninfurmaw il-cat feeders li l-iskema tal-LC Care kienet ingħalqet.

34.4.13 **Kwotazzjoni gutter quddiem Block D**

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni sabiex isir gutter quddiem Block D fi Triq il-Pensjeri għal prezz ta' 975+ Vat.
Il-Kunsill iddiskuta u approva din il-kwotazzjoni.

34.4.14 **Fun Run**

Il-Kunsill iddiskuta l-Fun Run u qabel li l-Kunsill jixtri 100 flixkun ilma zgħir u wieħed mill-ħaddiema jidħol sabiex jqiegħed l-imwejjed u l-ilma fil-jogging track u sabiex ikun jista' jgħin f'dan kollu li jkun hemm bżonn.

34.4.15 **Update to Dawret it-Torri**

Is-Sindku qalet li xtaqet tagħti update tal-Laqgħa li l-Kunsill kellu flimkien ma Infrastructure Malta li għaliha attendew is-Sindku u l-Viċi flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qalet li l-infrastruttura tat-toroq kienet saret b'tali mod biex t-triq issir one way minn tal-Barrani għal barra minn ħdejn il-Knisja. Hija spjegat li Infrastructure Malta qegħdin jikkonfermaw li skond il-counts li kienu ħadu l-biża li Santa Luċija tintuża bħala bye pass għal min ikun għaddej minn tal-Barrani m'għadiex hemm. Il-Kunsill iddiskuta u qablu li sabiex ikunu reali l-counts jridu jsiru meta t-toroq kollha jkunu miftuħin għat-traffiku u fi żmien l-iskola. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li l-Kunsill kollu jaf li t-trasport pubbliku ma kellux jinbidel u jesigu li dan ma jinbidilx għaliex ser nkunu qed noħolqu inkonvinjent u periklu kbir għar-residenti.

Il-Viċi Sindku ġie skużat mil-laqgħa 19.01

Il-kunsill issospenda l-laqgħa għal għaxar minuti.

Il-Laqgħa kompliet fis-19.20

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien qabel unanimament li għandha tintbgħat ittra lil Infrastructure Malta bir-raġunijiet għala l-Kunsill ma kienx qed jaqbel rigward il-bidla fir-rotta tat-trasport pubbliku. Il-Kunsill saħaq li dan il-vot ttieħed għaliex il-Kunsill biss jaf l-esiġenzi tar-residenti ta' Santa Luċija.

34.5 **Attvitajiet tal-Milied**

Il-Kunsill iddiskuta xi attivitajiet li kienu ser isiru għal żmien il-Milied.

34.6 **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

34.6.1 Is-Sindku qrat mistoqsija mill-Kunsillier Dr Liam Sciberras minħabba li l-bankini fi Triq Pepprin u Triq Maria de Domenicis intlew kollha moffa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għalissa l-Kunsill jibgħat isaqsi lil-Kuntrattur tagħna sabiex naraw x'tista' tkun il-problema qabel ma nibghatu lil Infrastructure Malta.

34.6.2 Is-Sindku qrat mistoqsija mill-Kunsillier Dr Liam Sciberras minħabba li meta tagħmel ħafna xita Triq il-Prinjoli qiegħda tegħreq u l-gutters li saru meta saret it-triq mhux qed ilaħħqu mal-volum tal-ilma li jinzel f'din it-triq. Is-Sindku qalet li għalkemm niżlet ħafna xita f'daqqa xorta d-djar ma daħlilhomx ilma u

Infrastructure Malta kienu qalulna li kienu ħaxxnu l-katusi tal-ilma tax-xita u kien għad fadal li jsiru xi xogħolijiet qabel mas-sistema tibada taħdem kif suppost. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għalkemm kien hemm żvilupp minn kif kienet xorta l-kaxxa li saret mhix qed tlaħħaq mal-ilmijiet u kellu jiġi gutter mat-triq kollha.

34.7 **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgħa ntemmet fis-7:37pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru, 2021 fil-5:00pm. Konfermati llum il- ______________________________, ta' _____________2021.

Iffirmati

Charmaine St John
Sindku

Iffirmati

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv